MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' April, 2009

Avviz Numru. 229/2008

**Simonds Farsons Cisk plc**

**Vs**

**John Bugeja, Jeffrey Farrugia u**
**JF Caterers Ltd.**

## Il-Qorti:-

Rat l-avviz pprezentat mis-socjeta attrici nhar is-sitta (6) ta' Gunju 2008 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihalsuha s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija wiehed u tletin euro u hamsa u erbghin eruo centesmi (€11,631.45) rapprezentanti bilanc ta' *loan account* bir-riferenza G-M-96157 (Dok. 'A') referibilment ghal *loan agreement* datat sitta u ghoxrin ta' Gunju 2003 (Dok. 'B'), liema self kellu jithallas sat-tletin (30) ta' Gunju 2006. Illi minkejja li l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex jaffettwaw il-hlas relattiv, anke permezz t'Ittra Ufficcjali tas-sbatax (17) ta' Jannar 2008 ipprezentata a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap 12, huma baqghu nadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficcjali hawn fuq imsemmija u bl-imghax legali dekorribli mid-data ta’ kull fattura sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra l-intimati li huma minn issa ingunti ‘n subizzjoni.

Rat illi nhar id-dsatax (19) ta’ Dicembru 2008 l-konvenuti gew notifikati bil-kawza odjerna permezz t’avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern li kopja taghha tinsab esebita fl-atti a fol. 23.

Rat ukoll illi l-konvenuti gew notifikati bl-atti tal-kawza permezz tal-procedura tal-affissjoni fil-Kunsill Lokali ta’ San Giljan, fl-ghassa tal-pulizija ta’ San Giljan u fl-indirizz taghhom kif moghti fl-avviz u dan nhar is-sbatax (17) ta’ Dicembru 2008, kif jirrizulta minn fol. 25 u cioe mir-riferti tal-Marixxal Raymond Pace.

Rat illi saret ukoll il-pubblikazzjoni tal-avviz f’zewg gazzetti lokali u cioe fil-gazetta ‘In-Nazzjon’ nhar id-disgha w ghoxrin (29) ta’ Dicembru 2008 (Dok. ‘B’) u l-gazzetta ‘The Times’ nhar il-wiehed u tletin (31) ta’ Dicembru 2008 (Dok. ‘C’).
Rat illi l-konvenuti baqghu ma ppresentaw l-ebda risposta u lanqas dehru ghas-seduta ta’ nhar il-Ħamis, 12 ta’ Marzu 2009 sabiex iwiegbu ghas-subizzjoni taghhom.

Rat il-Kapitolu ppresentat mis-socjeta attrici seduta stante nhar il-Ħamis, 12 ta’ Marzu 2009 wara li l-istess konvenuti gew mghajjta diversi drabi u naqsu li jidhru.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tilqa it-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici in solidum, is-somma ndikata fl-avviz fl-ammont ta’ hdax-il elf, sitt mija wiehed u tletin euro u hamsa u erbghin euro centesmu (€11,631.45) lill-istess socjeta attrici.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi jithallsu mill-konvenuti in solidum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------